# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2292

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2720/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Glenn Desira (ID.132987M)**

**vs**

**Alberta Fire & Security Equipment Limited (C6606)**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta**

Illum 1 ta' Lulju 2014

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'rikors ta' Glenn Desira pprezentat fir-Registru tal-Qorti fis-16 t' Ottubru 2010. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li s-smiegh tax-xhieda ha fit-tul.

DIKJARAZZJONIJIET

Fir-Rikors tieghu, ir-rikorrent jghid li huwa gie impjegat ghal tliet snin mas-socjeta` intimata bhala Technician permezz ta' kuntratt tal-1 ta' Frar 2009 u l-ewwel tliet xhur kellhom jitqiesu bhala *probationary period*. Huwa tkecca permezz ta' ittra datata 26 ta' Awwissu 2009, liema ittra irreferiet ghal erba' warnings allegatament moghtija lilu matul il-kors tal-impieg; pero huwa qatt ma kien inghata tali warnings qabel, imma inghatawlu dakinhar pre-datati. Ir-rikorrent jghid li dak il-hin stess huwa oggezzjona ghall-warnings li qatt ma

rcieva qabel, ghall-kontenut tal-istess warnings u ghar-raguni moghtija lilu ghat-tkeccija. Huwa talab li jigi dikjarat li t-terminazzjoni tal-impieg tieghu ma kinitx ghal raguni valida fil-ligi u ghalhekk kienet ingusta, li jigi likwidat l-ammont dovut lilu mis-socjeta` intimata in rigward ta' din it-tkeccija ingusta, u li tali ammont dovut jithallas mis-socjeta` intimata. Bhala Dikjarazzjoni tal-Kaz huwa indika li ma kellu xejn x'izid ma' dak kontenut fir-rikors promotur tieghu.

Il-kumpanija intimata rrispondiet b' Dikjarazzjoni tal-Kaz fejn tghid li bhala kumpanija "leader" fis-settur tas-sigurta`, hija kienet tirrikjedi professjonalita' u efficjenza mill-impjegati taghha. Tghid li t-tkeccija kienet permessa anke skond il-kuntratt ta' impieg li inghata r-rikorrent; tghid li kien biss ftit xhur wara li ghadda l-*probationary period* li r-rikorrent beda juri nuqqas ta' interess f'xogholu u l-atteggament tieghu fil-konfront tal-klienti beda jkun irresponsabbli. Tghid li r-rikorrent gie mwissi mill-kumpanija biex jirranga l-atteggament tieghu u biex ikun aktar professjonali f'xogholu, l-aktar minn Gunju 2009 'il quddiem: huwa inghata 4 warnings miktuba, pero` verament l-ahhar tnejn inghatawlu fl-ahhar minhabba li l-persuni koncernati kienu bil-leave. Jinghad li dakinhar tat-tkeccija, u cioe` fis-26 ta' Awwissu 2009, ufficjali tal-kumpanija kellmu lir-rikorrent dwar dawn il-problemi, izda huwa wera indifferenza assoluta ghall-ilmenti tas-socjeta` intimata, anzi wera li ma kienx jaghti importanza lil dan l-impieg ghaliex il-hajja personali tieghu u l-kors ta' studju li kien qed jaghmel kieu aktar importanti.

PRELIMINARI

Fl-ewwel seduta, li nzammet fit-2 ta' Marzu 2010, dan it-Tribunal appella lill-partijiet sabiex jesploraw il-possibilita` ta' ftehim bonarju.

IL-PROVI MIGJUBA

Ghall-kumpanija xhedet Kathleen Vella, it-Training and Development Consultant u Human Resources Manager tal-kumpanija intimata. Tghid li r-rikorrent kien beda jahdem mal-kumpanija qabilha minn Dicembru 2007, pero iltaqghet mieghu l-ewwel darba fit-12 ta' Frar 2009, u dan biex taghmel Feedback Session mal-istess Rikorrent li kien qed jitlob li l-impieg tieghu jigi regolat b'kuntratt miktub. Tali sessjoni kienet tkun laqgha ma' impjegat fejn tigi diskussa kwalunkwe problema li tista' timmerita diskussjoni bejn l-impjegat u l-kumpanija. Ir-rikorrent kien jahdem taht manager Karim Cassar li ma riedux aktar ghax ma kienx jaghmel xoghol sew, u imbaghad gie trasferit taht il-manager Roderick Farrugia, li ried jippruvah hu. Glenn mill-ewwel ma weriex hegga ghax-xoghol, tant li ma xtaqx jidhol jaghmel *training course* ghax kien ser ikun is-Sibt; imbaghad accetta li jmur ghalih, imma telaq f'nofsu ghax kellu xi appuntament. Karim Cassar kien infurmahom li Glenn kont trid tippressah biex itik xi haga: huwa l-anqas it-*time-sheets* li juru l-hinijiet li jkun hadem ma kien qed igibilhom lill-kumpanija. Ghal-ewwel Roderick Farrugia innota li Glenn jaghmel hafna zbalji, u li meta jfettilu jaqbad u jitlaq mix-xoghol bla ma javza: ma kienx qed ikollu kontroll fuqu ghaliex Glenn baqa' ma jgibx it-*time-sheets*. Imbaghad beda jigi nnotat li kien qed ikun hemm okkazjonijiet fejn Glenn jintbaghat jirrisolvi xi problema ta' klient, imma ma jidentifikax il-problema sewwa, bil-konsegwenza li l-klient jahseb li l-kumpanija intimata mhix taghti kasu, jew trid iddahhlu fi spejjez mhux necessarji. Ix-xhud Kathleen Vella kellmet lil Glenn diversi drabi u ghamlet Feedback Session ohra mieghu f'Gunju 2009: dakinhar kien hemm bzonn jinghata warning wara li certu Cassar tal-Multitrade Ltd ma kienx sodisfatt kif Glenn mar isewwilhom hsarat tliet darbiet u l-problema ma trangatx. Il-kumpanija intimata indunat li Glenn l-ewwel ma hax l-apparat li kellu bzonn mieghu, imbaghad meta ma setax isolvi l-problema wahdu ma nfurmax lil ta' fuqu, kif suppost kellu jaghmel. Glenn ma kellu ebda spjega ghalxiex agixxa hekk: inghata l-ewwel warning miktub dakinhar stess. Ghaddiet gimgha u kien hemm bzonn Feedback Session ohra ghax ma riedx jaghmel xoghol konness

ma' cameras tas-sigurta` tal-McDonalds, ghax skond hu ma kienux jaqghu fil-kompetenza tieghu. Ix-xhud tghid li x-xoghol li kien hemm bzonn kien jaqa' fit-*terms of reference* tar-rikorrent u allura ma kienx gustifikat jirrifjuta li jaghmel dan ix-xoghol. F'dik il-gimgha r-rikorrent ghamel diversi affarijiet kontra r-regoli jew *policies* tal-impieg tieghu: tghid li intalab jaghmel xoghol intern wara nofsinhar fl-Alberta fuq xi dwal, izda dan qabad u telaq lejn id-dar, imbaghad gie jaghmel dan ix-xoghol l-ghada fil-ghodu fil-hin li suppost ikun ghand il-klienti. Tghid ukoll li kien qed jidhol tard ghax-xoghol; tghid li kellu jiehu hsieb *invoice* partikolari biex il-klient ihallas, izda ma hax hsiebha bil-konsegwenza li l-kumpanija ma thallsitx; meta gergirlu l-manager ir-rikorrent qallu "int ser toqghod tonfoh?"; fuq dawn l-affarijiet kellmuh f'Feedback Session fid-9 ta' Gunju 2009 pero` ma hargulux warning dakinhar. Tghid li imbaghad ghamlet Feedback Session ohra fl-1 t'Awwissu 2009 fejn ir-rikorrent inghata t-tieni warning ghaliex il-klient Alpha Bricks ried urgentement rapport dettaljat tal-mainenance/repairs li sarulu mir-rikorrent, ir-rikorrent dam zmien twil biex ghamel dan ir-rapport, oltre li r-rapport ghamlu f'email ta' zewg versi. F'dan is-session tqajmu ilmenti ohra, bhal li r-rikorrent kien ikun *stand-by* jiehu *emergency calls* izda f'okkazjoni partikolari ma bediex jirrispondi t-telefonati – fil-Feedback Session qalilhom "Allura, rqadt." Tghid li qatt ma kellu spjega sodisfacenti ghal dawn l-ilmenti. Iz-zewg warnings miktuba li ssemmew inghataw lir-rikorrent f'idu. Imbaghad kien hemm zewg warnings ohra tat-13 t'Awwissu u tat-18 t'Awwissu meta r-rikorrent kien bil-leave. Meta dan dahal lura l-manager Roderick Farrugia kien bis-*sick-leave* imbaghad siefer; ghalhekk dawn iz-zewg warnings inghatawlu fis-26 ta' Awwissu 2009. Fl-ewwel okkazjoni Glenn mar ghand il-Bathroom Centre taz-Zejtun fejn ikkonkluda li l-cameras kollha kellhom bzonn jinbidlu, haga li kienet tinvolvi spiza kbira. Pero` l-manager baghat lil Ronald Apap, technician iehor, biex jikkonferma dan, izda t-tieni technician sab li kien hemm oggett zghir li ried jitranga; b'hekk il-klient ha l-impressjoni li l-kumpanija intimata qed iddahhal lill-klienti ghal spejjez bla bzonn. L-oggett li kellu jinbidel kien oggett baziku u t-technician kellu jiccekkja lilu l-ewwel: haga li Glenn m'ghamilx. Imbaghad fit-tieni incident il-Malta Dairy Products, klient regolari, induna li meta mar

Glen biex jisservisjalhom l-apparat ma uzax il-*monitor kit* li soltu jintuza biex l-apparat jigi ccekjat sew.  Ix-xhud tghid li dakinhar tas-26 t'Awwissu din il-Feedback session saret biex bil-pacenzja kollha jergghu jippruvaw jidderigu lir-rikorrent fit-triq it-tajba, pero` waqt is-Session beda jghidilhom li dan l-impieg ma kienx importanti ghalih ghax kellu affarijiet aktar importanti f'hajtu, l-aktar il-kors li kien qed jaghmel privatament.  B'din l-attitudni ix-xhud u l-manager fehemu li r-rikorrent mhux ma kienx kapaci izda ma riedx jaghti kaz ta' dan l-impieg.  Kien wara li raw dan li ddecidew li jitterminawlu l-impieg.

Roderick Farrugia, l-*after-sales manager*, qal li Glenn gie jahdem tahtu f'Ottubru 2008 u kien infurmah b'certi regoli jew *policies* tax-xoghol, bhal per ezempju li xoghol ghand il-klienti isir fl-iqsar hin possibbli biex ma jigux disturbati wisq, u fejn possibbli x-xoghol isir f'darba u mhux jitkompla f'gurnata sussegwenti.  Kien innota li dan Glenn spiss kien igerger meta jinghata bicca xoghol, u din ma kinitx l-attitudni korretta fuq il-post tax-xoghol.  Irrimarkalu wkoll li ma setax jibqa' jidhol tard ghax-xoghol regolari. F'madwar disghin fil-mija tal-granet Glenn kien jidhol xi 15 jew 20 minuta tard ghax-xoghol.  Jghid li meta kellu *training course* ta' gurnata kienu avvzawh bih xi gimgha jew gimghatejn qabel u qalilhom li ser jattendi, pero` dakinhar telaq f'nofsu ghax skond hu kellu appuntament iehor.  Ma kienx qalilhom bil-quddiem li kien ser ikollu jitlaq, u meta x-xhud kellmu wara, Glenn qallu li kellu appuntament mad-dentist.  Jikkonferma li Glenn ma kienx qed jimla t-*time-sheet*s li juru gimgha b'gimgha fejn ikun hadem, kemm ikun dam u x-xoghol li jkun sar.  Kien ikellmu fuqhom u jghidlu "issa ngibhom", imbaghad jew ma jigu qatt jew jigu xi xhur wara. Kien jghidlu li kellu notamenti fid-djarju u ma kienx ikollu cans jiktibhom fuq it-*time-sheets*. Dan ix-xhud isemmi incident meta r-rikorrent kien ser jaqbad u jitlaq mix-xoghol aktar minn 20 minuta qabel il-hin; u incident meta qabbad lil Glenn jiccekkja l-cameras interni imsejha PTZ u fil-waqt li Glenn qallu li kien hemm problema bil-power supply, bis-sahha tat-technicians l-ohra irrizulta li l-problema kienet gejja minn camera partikolari.  Dan ix-xhud jikkonferma li fit-2 ta' Gunju kienu kellmu lir-rikorrent dwar diversi nuqqasijiet, u tawh lista miktuba taghhom. Tawh ukoll

warning ghax klient partikolari ma nqediex sew wara li l-problema li kellu ma gietx solvuta qabel ma r-rikorrent mar ghandu tliet darbiet, u lill-kumpanija ma infrumahiex li kien qed isib problema jsib il-hsara. Fil-jiem ta' wara din il-laqgha r-rikorrent rega' ghamel zbalji simili, u meta x-xhud gergirlu dwarhom, ir-rikorrent waqqfu b'arroganza u qallu "Int ser toqghod tonfoh?" Igifieri anqas wera li kien preokkupat li kien qed jonqos fix-xoghol u l-imgieba tieghu. Ix-xhud isemmi kif il-kumpanija xtrat sellum biex ir-rikorrent juzah fl-iccekkjar tal-apparat, u r-rikorrent kellu jmur jigbru mill-istore; imbaghad xi xahar wara x-xhud induna li r-rikorrent kien ghadu ma gabarx is-sellum biex juzah f'xogholu; kellmu u Glenn qallu "Issa niehdu." Darba ohra Glenn inghata lista' ta' sitt klienti li kellu jmurilhom minhabba problemi li nqalghu, u dan ma lehaqx mar ghand il-klient British American Tobacco; il-problema kienet li dan ma nfurmax lil ta' fuqu li ma kienx se jilhaq imur, u l-kumpanija deheret kerha mal-klient. Dan ix-xhud esebixxa rendikont ta' notamenti li kien jiehu dwar kif kien qed jahdem Glenn: uhud pozittivi imma hafna minnhom negattivi. Dan ix-xhud rega' xhed dwar kazijiet ohra fejn Glenn Desira kien jaghmel dianjosi hazina ta' x'kien ikun il-fault li jilmentaw minnu l-klienti, bhal ma kienu l-Bathroom Centre u l-Malta Dairy Products, liema zbalji saru proprju ghaliex ir-rikorrent m'uzax l-apparat li kellu a dispozizzjoni tieghu biex isib il-fault.

Eliel Abela xhed li huwa Senior Technician mal-kumpanija intimata u xogholu jsewwi apparat li jingieb fil-workshops mit-technicians. Huwa jsemmi diversi okkazjonijiet fejn Glenn gab apparat ghax jahsbu difettuz , imma imbaghad jirrizulta li jkun ingieb ghal xejn ghax il-problema tkun x'imkien iehor. Jghid li dan ix-xoghol kien l-ispecjalita` ta' Glenn, u allura dan ma kellux ghalxiex jizbalja hekk f'xogholu.

David Scicluna xhed li Glenn Desira kien qed johloq problemi kbar ghaliex mhux biss ma kienx qed jaghmel xoghol sew, imma wara li jispicca kien jaqbad u jitlaq id-dar minghajr hadd ma jkun jaf x'xoghol lehaq ghamel, x'problemi seta' ltaqa' maghhom u x'xoghol ikun halla mhux komplut. Jghid li darba Glenn mar ghand il-Multitrade u ma rnexxilux isewwi l-fault u telaq id-

dar; il-klient cempel irrabjat ghax ix-xoghol thalla nofs triq; huwa cempel lil Glenn biex jistaqsih ghalxiex ma nfurmax lill-kumpanija b'kull problema li seta` rrinfacja u Glenn qallu li prova jcempillu u ma qabadx. Jghid li kien spiss jigri wara Glenn biex jghidlu x'ikun ghamel, meta suppost Glen jaqbad u jinforma lil dan ix-xhud b'dak kollu li jkun ghamel f'xogholu. In kontroezami jerga' jissemma l-kaz meta Glenn kellu jmur ghand il-Multitrade flimkien ma' certu Chris biex isewwi xi hsara, izda sab li s-sistema kellha bzonn 'service'; u qal lill-klient li l-amministrazzjoni tal-kumpanija kienu ser icemplulu biex jghidulu meta ser jitkompla x-xoghol. Jghid li pero` Glenn ma nfurmahx b'dan, imbaghad xi jiem wara il-klient cempel irrabjat ghax thalla bil-problemi mhux solvuti. Hawnhekk f'konfront ir-rikorrent jinsisti li huwa cempel lil dan David Scicluna u dan iffissa appuntament ghal xi tlitt ijiem wara; skond ir-rikorrent kien David Scicluna li naqas li jinforma lill-klient li kellu appuntament lest. Imbaghad biex ma jidhirx ikrah mal-manager, David Scicluna beda jghid li Glenn ma cempillux. Anzi hawn David Scicluna jghid li rrizultalu li Glenn u Chris l-anqas biss marru ghand il-Multitrade. Glenn talab lill-manager igib il-logs tal-Vodafone biex juri li huwa kien cempel lil David Scicluna, imma l-manager qatt ma gab dawn il-logs.

Jason Falzon xhed dwar numru to problemi li kien qed johloq ir-rikorrent:- isemmi meta Glenn kien sab li l-Bathroom Centre kellu bzonn jibdel 16 –il camera tas-CCTV, meta imbaghad irrizulta li l-problemi kienu fil-power supplies biss. Isemmi kaz fejn ir-rikorrent ghamel lejl go Club u spicca raqad siegha biss qabel mar ghax-xoghol fil-ghodu. Huwa jsemmi incident iehor fejn Glenn ma riedx jaghmel xoghol partikolari ghand il-McDonalds ghax skond hu dak ix-xoghol kellu jaghmlu haddiehor. Isemmi ilment li ghamel klient ghaliex Glenn ma kienx qed jiccekja l-cameras sew. Isemmi incident iehor fejn il-kumpanija Alpha Bricks riedu rapport dwar ix-xoghol li kien qed isirilhom, u meta talab lil Glenn jaghmel dan ir-rapport dan baghat email b'linja wahda minghajr ma spjega x'kienet il-problema. Isemmi incident fejn Glenn ha gimgha leave biex jitla' Ghawdex, u tul dik il-gimgha huwa zamm il-vann tax-xoghol ghal biex juzah privatament. Ronald Apap xhed li darba Desira talab

assistenza biex izarma 16-il camera minn ghand Mercieca Bathrooms ghax kienu kollha hziena, imma imbaghad huwa ccekkjahom u sabhom tajbin – il-problema kienet fil-power-supply.  Isemmi ukoll kaz fejn Desira gab video server biex jissewwa ghax skond hu kellu l-hsara, imma rrizulta li ma kellu xejn hazin.

Ir-rikorrent Glenn Desira xhed li beda jahdem mas-socjeta` intimata bla kuntratt fl-2007, imbaghad ghamlulu kuntratt ghal 3 snin fi Frar 2009.  Kien dahal bhal network technician fuq progetti kbar u ricerka. pero` meta x-xoghol fuq dawn il-progetti spicca beda jaghmel xoghol ta' technician normali.  Huwa jelenka l-ilmenti tieghu fuq ix-xoghol li kienu: li jzommuh jahdem wara l-hin u ma jhallsuhx ghal hin zejjed li jaghmel, oltre li hafna mill-overtime jigi avvzat bih nofs siegha qabel jispicca x-xoghol, u cioe` fl-4:00pm, u jkollu jibqa' hemm sas-7:00pm bla hlas jekk ikun fl-officju.  Jghid li kull meta l-managment jaghmlu xi zball kien iwahhlu fit-technicians.  Jghid li 6 xhur wara li tkecca sab impieg iehor b'paga ferm inqas, imbaghad wara 6 xhur ohra sab impieg iehor b'paga vicin ghal li kellu qabel.  Jghid li mill-4 warnings miktuba l-ewwel biss kien inghatalu f'idu, u kien ikkontestah bil-qawwa. Huwa jispjega kif tal-Multitrade ma giex infurmat bl-appuntament u rrabja, pero` kien is-superjur tieghu David Scicluna li naqas li jinfurmah. Dwar it-tieni warning jghid li l-anqas kien jaf bih, pero' r-rikorrent jichad li dam biex kiteb rapport, anzi kitbu mill-ewwel; jghid li dan kien qasir ghax ma kienx hemm wisq xi tghid. Huwa jichad li kien ikun stand-by u ma jirrispondix it-telefonati. Dwar l-ilment tal-McDonalds, huwa jghid li verament ma riedx jaghmel l-istallazjoni tas-sistema ghaliex suppost kellha tigi stallata minn installer, pero` finalment ghamilha ghax kien jaf kif.  Dwar it-tielet warning jghid li mhux minnu li l-Bathroom Centre ilmenta dwaru personalment imma dwar dewmien biex isir ix-xoghol. Ir-rikorrent esebixxa ittra minn ghand il-Bathroom Centre fejn verament gie lmentat li xoghol ta' stallar kien qed jiehu bit-tul wisq, u dan minn diversi impjegati tas-socjeta` intimata.  Dwar il-Warning tat-18 t'Awwissu mill-Malta Dairy Products jghid li meta cameras ikunu fuq gewwa verament ma kienx hemm htiega li jinfethu biex jitnaddfu, imma l-klient ried hekk xorta.  Jghid li

fil-laqgha tal-ahhar gurnata huwa inghata l-warnings kollha, u intalab jirrizejna. Madankollu huwa rrifjuta. Imbaghad iktar tard il-manger gablu l-ittra tat-tkeccija. In kontroezami r-rikorrent jghid li l-Feedback sessions kienu jkunu laqghat komuni li jispiccaw "bil-kbir," u cioe` bl-ghajjat. Jghid li l-anqas mhu veru li qalilhom li kien qed jaghmel kors privat: ma kien qed jaghmel ebda kors.

Christian Sammut tela' jixhed li jiftakar li darba mar ghand il-Multitrade u talab l-assistenza ta' Glenn Desira ghax kien jifhem aktar fil-cameras, pero` kwazi ma jiftakar xejn izjed. Jghid li meta xi problema ma tissolviex kienu icemplu lil ta' fuqhom, imbghad ta' fuqhom jiddeciedu meta jinghata appuntament gdid.

Ir-rikorrent tella' biex jixhed ukoll Henri Cassar tal-Multitrade, izda imbaghad kemm ir-rikorrent u anke s-socjeta' intimata ghazlu li jirrinunzjaw ghax-xhieda tieghu.

KONSIDERAZZJONIJIET

Dan it-Tribunal ghandu quddiemu zewg verzjonijiet tal-fatti u jidher li l-verita' qeghda x'imkien fin-nofs. Ir-rikorrent ma jghid xejn dwar iz-zmien li kien taht il-manager Karim Cassar li ma riedux jahdem aktar mieghu. Ix-xhieda ta' Kathleen Vella ser tinghata ftit piz in kwantu din xhedet hafna fuq dak li semghet (detto del detto) oltre li jirrizulta li din kellha x-xhieda taghha prattikament miktuba bil-quddiem. Ir-rikorrent mhuwiex dejjem kredibbli: fil-bidu jghid li huwa qatt ma inghata ebda warning hlief mat-tkeccija, imbaghad aktar tard jghid li l-ewwel warning veru kien inghatalu. Dan it-Tribunal ghandu dubji dwar kemm kien gustifikat dan l-ewwel warning miktub, specjalemnt in kwantu s-socjeta` intimata ma hassitx il-bzonn li tikkonferma li tal-Multitrade kienu ilmentawlhom, anqas meta x-xhud Henri Cassar kien prezenti fit-Tribunal. Anke l-fatt li ingiebu l-logs tat-telefonati u l-kumpanija ghazlet li ma tghidilniex liema kien in-numru ta' David Scicluna huwa

suspettuz. Dan it-Tribunal jinnota li l-warning li hareg fit-2 ta' Gunju 2009 kien dwar oggett li gara "This week"; dan ifisser li dak li qal ir-rikorrent gie korroborat ghaliex il-Gimgha ta' qabel, 29 ta' Mejju 2009, ir-rikorrent verament ghamel telefonata fl-16:19 lil numru 77712377; u huwa verosimili li dan kien in-numru ta' David Scicluna peress li jirrizulta li saru hafna "missed calls" lil dan in-numru. Mill-banda l-ohra t-tieni warning miktub tal-1 t'Awwissu 2009 jidher gusitfikat in kwantu ghalkemm dan jghid li r-rikorrent kien ilu mill-20 ta' Lulju 2009 biex jikteb rapport ta' zewg linji, Dokument RF (folio 94 'il quddiem) juri li fis-16 ta' Lulju 2009 is-Sur Roderick Farrugia kien diga' tah il-"*last chance to send report re alpha bricks*!!" It-tielet rapport, irrispettivament minn meta inghata lir-rikorrent, jidher li kien gustifikat ukoll: ir-rikorrent mar igib ittra minn ghand il-Bathroom Centre li turi li dawn ma kellhom ebda ilment partikolari minn Glenn Desira imma mid-dewmien, u speci jipprova juri li l-kumpanija kienet qed titfa fuqu htija li ma kellux. Pero` jekk naraw ix-xhieda ta' Ronald Apap, dan jghid li r-rikorrent talbu l-assistenza biex imorru jaqilghu il-cameras kollha: hu mar jiccekjahom u sabhom tajbin. Certament din il-bicca xoghol hliet tal-inqas zewg appuntamenti, u l-probabilta' hi li tal-Bathroom Centre l-anqas biss indunaw li sa fejn kien jiddependi minn Glenn Desira kienu ser jinqalghu il-cameras kollha, haga li giet evitata bl-intervent ta' Ronald Apap. Glenn Desira ma jichadx li da parti tieghu kienu ser jinqalghu il-cameras kollha, imma jipprova jisvijja lil dan it-Tribunal, haga li qed tigi deplorata. Dwar ir-raba' warning miktub ir-rikorrent iqajjem dubju gustifikat u ghalhekk mhux ser jinghata wisq piz.

Igifieri dan it-Tribunal ghandu quddiemu zewg warnings miktuba li huma gustifikati. Pero` ma' dawn nistghu inzidu ammont kbir ta' lmenti ohra li fuqhom ma nharigx warning miktub: li r-rikorrent jidhol regolarment tard ghax-xoghol kienet timmerita warning; li r-rikorrent regolarment ma kienx jimla t-time-sheets ukoll kienet timmerita warning, u dawn iz-zewg ilmenti ma gewx michuda mir-rikorrent. Dwar ilmenti ohra r-rikorrent jista' jinghata l-beneficcju tad-dubju, bhal meta inghad li ma kienx jirrispondi telefonati waqt li jkun stand-by, u ilmenti ohra forsi ma kienux daqstant gravi, bhal meta dam

xahar biex gabar sellum li suppost juza ta' kuljum. Jirrizulta li r-rikorrent kellu aktar nuqqasijiet, bhal meta ma kienx jiehu l-apparat necessarju kollu mieghu, bhal meta nzamm kors specifikatament ghalih imbaghad hu telaq f'nofsu, u bhal meta kien arrogant mas-superjuri tieghu. Problema ohra li jirrizulta li kien qed jikkawza r-rikorrent kienet li ma jaghtix rendikont ta' kuljum tax-xoghol li jkun ghamel ghand il-klienti, bil-konsegwenza li l-kumpanija ma tkunx taf liema xogholijiet kienu tlestew u liema le.  Certament dan hu agir irresponsabbli u ma jistax jigi tollerat.

Ghalhekk, ghalkemm il-warnings miktuba kienu tnejn li irrizultaw gustifikati, warnings mhux necessarjament isiru bil-miktub, u l-Feedback Sessions jew laqghat li kienu qed isiru mar-rikorrent jistghu jitqiesu bhala warnings verbali. Dan it-Tribunal qieghed jaghti piz in-notamenti tas-sur Roderick Farrugia li jidhru sinciera bit-tajjeb u l-hazin ta' Glenn Desira, pero` ferm aktar hazin milli tajjeb.

<u>DECIZJONI</u>

Ghaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddeciedi u jiddikjara li t-tkeccija tar-rikorrent mill-impieg kienet gustifikata, u ghalhekk mhemmx lok li s-socjeta` intimata tigi ordnata thallas nofs is-salarju li kien jispetta lir-rikorrent kieku baqa' jahdem sal-ahhar tal-kuntratt ta' tliet snin.  Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ tlieta u disghin Euro (€93.00).    B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman